Nru./No. 21,043
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Is-Sibt, 22 ta' April, 2023
Saturday, 22nd April, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Pulizija 4509
Police Notices *4509*

Avviżi tal-Gvern 4509
Notices *4509*

Avviżi tal-Qorti ..... 4510 - 4512
Court Notices ..... *4510 - 4512*

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 73

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Isla

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023 minn nofsinhar sal-11.45 p.m. minn Xatt Juan B. Azzopardi.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' April, 2023

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Il-Mosta huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

GAUCI JESMOND

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Mikhail Micallef għal-Lokalità ta' Il-Mosta, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2023 mid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-22 ta' April, 2023

POLICE NOTICE

No. 73

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Senglea

On Friday, 28th April, 2023 from noon till 11.45 p.m. through Xatt Juan B. Azzopardi.

Public transport not affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

22nd April, 2023

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Il-Mosta is the following that is:

Nominated Candidate

GAUCI JESMOND

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Mikhail Micallef for the Locality of Il-Mosta, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), on Monday, 24th April, 2023 from 9.00 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

22nd April, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

871

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-9 ta' April, 2023, u dan wara Rikors b'numru 260/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 1598/1969 biex kemm fil-kolonna intestata "Ismijiet mogħtija" kif ukoll fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ" isem George Said Zammit ikun jidher bħala "GEORGE ALEXANDER".

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jeffettwa l-korrezzjoni ta' isem George Said Zammit fl-Att taż-Żwieġ tieghu li jġib in-numru 853/1994 biex dan ikun jidher bħala "GEORGE ALEXANDER", kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta' bintu li jġib in-numru 2272/2002, fejn hu jidher bħala l-missier, biex l-isem tiegħu jiġi indikat bħala "GEORGE ALEXANDER".

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, il-Ħamis, 20 ta' April, 2023.

AVV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.).
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni Tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 9th April 2023, and upon an application numbered 260/2023, ordered:

The Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth bearing the number 1598/1969 so that both in the column headed "Names given" and in the column headed "Name or names by which the child is to be called" George Said Zammit's name will appear as "GEORGE ALEXANDER".

The Director of the Public Registry to effect the correction on George Said Zammit's name in his Act of Marriage bearing the number 853/1994 so that it appears as "GEORGE ALEXANDER", as well as in the Act of Birth of his daughter bearing the number 2272/2002, where he appears as the father, so that his name is indicated as "GEORGE ALEXANDER".

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Thursday, 20th April, 2023.

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.).
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

872

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-8 ta' Frar, 2023 fuq rikors ta' Maria Assunta Casha (KI 101749M) et ġie ifissat il-jum tat-Tlieta, 30 ta' Mejju 2023 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 am) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra nru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt

1. Il-fond numerat bin-numri ħamsa u ħamsin, sitta u ħamsin u sebgħa u ħamsin (55 56 57) kantuniera man-numru sbatax (17) ġja numru erbgħa u erbgħin (44), Triq Rokku Buhagiar ma' Triq il-Parroċċa, il-Qrendi, libera u franka minn kwalunkwe piz, ċens, servitù jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha u stmata li tiswa ħames mija u sittin elf ewro (€560,000);

2. Il-fond magħruf bħala il-Mitħna bin-numru tlieta u sebgħin (73) ġja wieħed u tletin (31), fi Triq il-Kbira, il-Qrendi, liberu u frank minn kwalunkwe piz, ċens, servitu' jew dritt ieħor stmat li jiswa mija u erbgħin elf ewro (€140,000);

By decree given by the Civil Court First Hall, on 8th February 2023 the application of Maria Assunta Casha (ID101749M) et Tuesday, 30th May 2023 at half past ten in the morning (10:30 am), has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held in room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Belt Valletta of the following property.

1. The tenement numbered number fifty five, fifty six and fifty seven (55 56 57) corner with number seventeen (17) previously number forty four (44), Triq Rokku Buhagiar with Triq il-Parroċċa Qrendi, free and enuncumbert from any burden, ground rent, servitudes or any including its airspace and subterrain valued at five hundred and sixty thousand euro (€560,000);

2. The tenement known as the Mill number seventy three (73) previously thirty one (31), in Triq il-Kbira, Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitudes or other right valued at one hunded and forty thousand euro (€140,000);

3. In-nofs indiviż tal-fond bin-numru erbgħa (4) u ħamsa (5), Sqaq numru erbgħa (4), fi Triq il-Kbira, Qrendi, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitu jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha u stmata li tiswa mija ħamsa u tmenin elf ewro (€185,000);

4. Il-fond numerat bin-numru tlieta (3), fi Triq Misraħ is-Sinjura ġja Triq San Nikola, il-Qrendi, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitu jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha, okkupat minn terzi, u stmat li jiswa mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000);

5. L-għalqa magħrufa bħala tas-Siġra fi Triq RAF Krendi, fil-limiti tal-Qrendi u li tinsab ġo żona mlaqqma bħala tal-Għarix, tal-kejl ta' ċirka elf u tnejn u tletin (1032) metru kwadru u aċċessibbli minn xatba li tagħti għall-passaġġ privat tar-riġel u tgawdi d-dritt ta' ilma minn bir ġo proprjetà adjaċenti ta' terzi li tikkonfina mill-Lbiċ ma' proprjetà ta' Jonathan Cassar jew is-suċċessuri fit-titlu, mill-Punent u l-Majjistral ma' proprjetà ta' Joseph Camilleri jew is-suċċessuri fit-titlu u mill-Grigal ma' proprjetà wieħed mlaqqam ta' Massa jew is-suċċessuri fit-titlu jew irjieħ verjuri oħra u b'ċens annwu u perpetwu ta' tletin ċenteżmu fis-sena pagabbli lid-Dipartiment tal-Artijiet stmat li tiswa erbgħin elf ewro (€40,000).

6. L-għalqa magħrufa bħala ta' Burbagar, fil-limiti tal-Qrendi u tal-kejl ta' ċirka elf u tnejn u għoxrin (1028) metru kwadru u maqsuma f'żewġ biċċiet. L-ewwel parti hija ta' kejl ta' ċirka erba' mija u ħdax (411) metru kwadru u hija aċċessibbli direttament minn sqaq li tagħti għal Triq tal-Providenza u tikkonfina minn nofsinhar mal-isqaq, mill-Lvant ma' proprjetà tal-familja Farrugia jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-familja Muscat jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom jew irjieħ verjuri oħra u t-tieni parti tikkonfina mill-Punent ma'proprjetà tal-familja Muscat jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom minn nofsinhar ma proprjetà tal-familja Farrugia jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom u mit-Tramuntana ma' proprjetà mal-familja mlaqqma ta' Smina jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom jew irjieħ verjuri oħra u stmata li tiswa ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000);

7. L-għalqa magħrufa bħala ta' San Mattew jew tal-Maqluba, fi Triq il-Wied iż-Żurrieq, limiti tal-Qrendi, ta' kejl ta' ċirka elf mija u tlettax-il metru kwadru (1113) li tikkonfina mill-Punent ma' Triq Wied iż-Zurrieq, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Michael Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu u mill-Lvant ma' proprjetà ta' Gianni Cassar jew is-suċċessuri fit-titlu tiegħu jew irjieħ verjuri oħra, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitu jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha stmata li tiswa ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

8. Nofs indiviż (½) tal-għalqa ta' kejl ta' ċirka seba' mija sebgħa u sebghin metru kwadru (777) magħrufa bħala ta'

3. The half undivided share of tenement number four (4) and five (5), Alley number four (4), in Triq il-Kbira, Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitudes or any right and including its airspace and sub terrain valued at one hundred and eight five thousand euro (€185,000);

4. The tenement numbered number three (3), in Triq Misraħ is-Sinjura previously Triq San Nikola Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitudes or any other right and including its airspace and sub terrain, occupied by third parties and valued at two hundred and fifty thousand euro (€250,000);

5. The field known as tas-Siġra in Triq RAF Krendi, limits of Qrendi and situated in a zone known as tal-Għarix, approximately measuring one thousand and thirty two (1032) meters square and accessible from a gate leading to a walking private passage and with the right of well water from the adjacent third parties property bounded on the southwest by property of Jonathan Cassar or his successors in title, west and north by property of Joseph Camilleri or his successors in title, southeast by property of one known as mill-Grigal ma' Massa or his successors in title or other correct boundaries and annual and perpetual ground rent of thirty cents payable yearly to the Lands Department valued at forty thousand euro (€40,000).

6. The field known as Burbagar, limits of Qrendi and approximately measuring of one thousand and twenty eight (1028) square meters and divided in two parts. The first part measures approxitamely four hundred and eleven (411) square meters accessible and is directly accessible from an alley that abuts to Triq tal-Providenza and bounded from the south by the alley, from the east by property of the Farrugia family or their successors in title and from the north of the Muscat family or their successors in title or other correct boundaries and second part bounded from the West by property of Farrugia family or their successors in title and from the North by property of the family knows as ta' Smina or their successors in title or other correct boundaries and valued at forty five thousand (€45,000);

7. The field known as of San Mattew or Maqluba, in Triq il-Wied iż-Żurrieq, limits of Qrendi, approximately measures of one thousand and thirteen squares meters (1113) square meters bounded from the west by Triq Wied iż-Zurrieq, Southeast by property of Michael Farrugia or his successors in title and on the East by property of Gianni Cassar or his successors in title or other correct boundaries, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitude or any other right and including its airspace and sub terrain valued at thirty five thousand euro (€35,000).

8. Undivided half (½) of the field measuring approximately of seven hundred and seventy-seven (777) square meters

Żellieqat, aċċessibbli minn Triq magħrufa bħala Taz-Zellieqa, fil-limiti tal-Qrendi, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitu jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha stmata li tiswa tnax-il elf ewro (€12,000).

9. L-għalqa magħrufa bħala tal-Ħniena, fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żurrieq fil-limiti tal-Qrendi, aċċessibbli minn passagg privat li huwa komuni mas-sidien l-oħra tar-raba' u ta' kejl ta' ċirka elf seba' mija tmienja u disgħin metru kwadru (1798), u tgawdi d-dritt ta' ilma minn bir ma' terzi kif ukoll kamra antika komuni bejn erba' għelieqi u tikkkonfina mit-Tramuntana, mill-Punent u mill-Lvant ma' proprjetà ta' familja magħrufa bħala tal-Konka jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom jew irjieħ verjuri oħra, libera u franka minn kwalunkwe piz, ċens, servitu jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha u stmat li tiswa tmenin elf ewro (€80,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Maria Assunta Casha et.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 20/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 11 ta' April, 2023.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

known as of Żellieqat, accessible from a road known as Taz-Zellieqa, limits of Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitude or any other right and including its airspace and sub terrain valued at twelve thousand euro (€12,000).

9. The field known as 'tal-Ħniena', in Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żurrieq limits of Qrendi, accessible from a private passage which is common with the other land owners and approximately measure one thousand and seventy ninety eight (1798), accessibly from a passage and with the right of well water with other parties and an old common room between four fields and bounded from the North, West and East by property of a family known as tal-Konka or his successors in title or other correct boundaries, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitude or any other right and including its airspace and sub terrain, occupied by third parties and valued at eighty thousand euro (€80,000);

The mentioned tenement is a property of Maria Assunta Casha et.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 33/20.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 11th April 2023.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

873

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu, 2023 (Digriet numru 29/2023BS, wara Rikors numru 142/2022BS), ġiet ikkonfermata interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Doloris Vella, mart George Vella, bint il-mejtin Joseph Farrugia u Mary née Spiteri, imwielda x-Xagħra, Għawdex, u residenti x-Xewkija, Għawdex (karta tal-identità numru 59154G)

Joseph Vella, bin George Vella u Doloris née Farrugia, imwieled Sydney l-Awstralja u residenti n-Nadur, Għawdex, (karta tal-identità numru 329494M) ġie bl-istess digriet nominata kuratur tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' April, 2023

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the twenty-second (22nd) of March of the year, 2023 (Decree number 29/2023BS following application number 142/2022BS), Doloris Vella, wife of George Vella, daughter of the late Joseph Farrugia and Mary née Spiteri, born in Xagħra, Gozo, and resides in Xewkija, Gozo, holder of identity card number 329494M, has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Joseph Vella, son of George Vella and Doloris née Farrugia, born in Sydney Australia and resides in Nadur, Gozo, holder of identity card number 329494M has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

This 17th of April, 2023

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603